Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (Eur Law)
Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Mario Tonna)

(Spettur Robert Gregory)

(Spettur Denise Mula)

vs

Tarek Ibrahim u Tarek Mohammed

Ali El Kazzaz

Illum 12 ta’ April, 2002

Il-Qorti;

Rat – Semghet – Ikkunsidrat :

Fuq ammissjoni;

Issibhom hatja u dan wara illi rat l-Artikoli 22(1) tal-Kap. 9 u l-Artikoli 4, 5, 9, 12, 15 u 20 tal-Kap. 217;

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena fil-konfront ta' l-imputat Tarek Ibrahim, il-fatt illi ghandu fedina penali netta u ikkopera mal-Pulizja, ghalhekk wara illi rat l-Artiklu 9 tal-Kap. 152 filwaqt illi tilliberah, tobbligah illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin millum;

Fil-kaz tal-imputat Tarek Mohammed Ali El Kazzaz, il-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi ikkopera mal-Pulizja, ghalhekk filwaqt illi tikkundannah ghal prigunerija ta' sitt xhur, tordna illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tali prigunerija tkun sospiza ghal sena millum;

Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Ali El Kazzaz bhala immigrant ipprojbit u tordna t-tkeccija tieghu minn dawn il-Gzejjer.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bir-responsabbilta taghhom skond il-Ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur